MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 236/2006

Il-Pulizija

Vs
Dominic Gafa

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' Gafa Saveway Ltd (C15908) b'ufficju irregistrat Plt. 39, Triq Guljetta Lopez, St. Lucia, u/jew bhala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' biex thallas il-pagi dovuti talli naqas li jhallas il-pagi kollha sal-perjodu 10 ta' Marzu, 2005, fl-ammont ta' LM233.37 dovuti lil ex impjegata tas-socjeta' Mary Grasso fit-tmiem tal-impieg taghha fl-10 ta' Marzu, 2005.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju, 2006, li biha,

wara li rat l-Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Inoltre ordnat lill-istess appellant ihallas is-somma ta' mija w sittin lira Maltin u sitta w hamsin centezmu (LM160.56c) lil Mary Grasso, bhala pagi dovuti, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Gafa Saveway Limited .Li ghamlet il-prosekuzzjoni kien li esebiet estratt minn rickera li saret mal-MFSA fejn kien hemm indikat li l-akkuzat kellu "*legal and judicial representation"* tas-socjeta' imsemmija, imma ma ngabat ebda prova li fil-periodu in kwistjoni, cioe' qabel l-10 ta' Marzu, 2005, kif indikat fl-akkuza, fil-fatt l-appellant kien responsabbli mis-socjeta' in kwistjoni. Ir-ricerka saret fl-24 t' Ottubru, 2005, jum li ma ghandu x' jaqsam xejn mad-dati tal-allegati akkuzi. 2. li l-akkuzi ma gewx pruvati sal-grad rikjest mil-ligi. Illi l-kwerelanti ma ndikat ebda cifra ta' somma li hija suppost ghandha tinghata. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment xehed li l-ammont dovut hu ta' LM160.56c fil-waqt li fl-akkuza hemm indikat ammont iehor ta' LM233.77c. Ghalhekk minnhabba din it-tahwida ta' cifri l-appellant kellu jigi liberat mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tas-26 t' Ottubru, 2006;

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Edward Gatt ghall-appellant irtira t-tieni aggravju dwar l-ammont  u zamm ferm l-aggravju dwar ir-rapprezentanza guridika  kif ukoll il-verbal li bih Dr. Stephen Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, ddikjara li l-ammont dovut mhux dak indikat  fic-citazzjoni imma dak ta' LM160.56c.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jemergu s-segwenti rizultanzi :-

**MARY GRASSO** xehdet li ghamlet xi tlitt xhur tahdem mall-imputat u dawn kien bdew f' Jannar ta' xi sentejn ilu, x' aktarx tas-sena 2005. Ghall-ewwel kienet *full timer* umbaghad ghamilhom *"part time",* wara xi xahar, l-aktar xahar u nofs. Bhala *part timer* kienet tahdem 20 siegha. Umbaghad darba l-imputat taha warning ghax hi kienet *cleaner* u sab xi trab u wara xi gimgha gie u qalilha *"Daqshekk ma sibtekx tajba u din il-gimgha l-ahhar"*. U kieccieha l-ghada.  Meta spiccat hallasha imma taha n-nieqes,xi LM160. Ma tafx ghala. Umbaghad hi cemplet il-Labour Office biex tfittex id-drittijiet taghha w huma hadu *"action".* Qabel kien ihallasha kull xahar. Tal-Labour Office ikkalkulawlha l-ammont dovut lilha bhala ta' LM160. (sottolinear ta' din il-Qorti).

**IAN MELI** xehed li hu jirraprezenta l-Labour Office. Spjega is-sinifikat tad-dokumenti esebiti. Id-dokumenti a fols 5 u 6 kienu jittrattaw dwar ir-rapprezentanza guridika tal-kumpanija mill-imputat. Id-dokument a fol. 7 hu t-*termination form* tal-ETC u cioe' hija formola li biha l-imghallem jinforma lill-ETC li l-impjegat uikun spicca mill-impieg. Din il-formla tindika bhala "*name and surname of employer*" lil Antoinette Gafa' u bhala "*name of firm* " : Gafa Saveways Ltd.  Iggib firma in calce illeggibbli w fuq "*designation*" hemm miktub bil-*block letters* "*Chairman".* Hemm umbaghad diversi ittri miktuba lill-impjegata w diversi kalkoli tal-ammont dovut lilha a fols. 9 sa 14. Fid-9 ta' Mejju, 2005 (Fol. 15) ix-xhud kien kiteb lill-appellant

Domenic Gafa’, Gafa’ Saveways Ltd .fejn irreferih ghall-claim ta’ Mary Grasso w talbu jhallasha s-somma ta’ LM233.37c fi zmien ghaxart ijiem. Fis-27 ta’ Mejju, 2005 kien rega’ kiteb lill-appellant Domenic Gafa’ , Gafa’ Saveways Ltd (fol. 18) fejn rega’ talbu jhallas l-imsemmi ammont fi zmien sitt ijiem. Fis-26 ta’Mejju, 2005 (Fol. 19) kien irceva risposta minnghand Dr. Edward Gatt ghan-nom ta’ Gafa Saveways Ltd fejn irrifera ghall-ittra tax-xhud tad-9 ta’Mejju, 2005, u fejn, bla pregudizzju, kien gie ammess li kienu dovuti : LM49.37c ghall-leave, LM20.50c bhala allowance u LM21.63c tal-bonus. Minn hawn il quddiem giet skambjata korrispondenza ulterjuri bejn ix-xhud u Dr. Edward Gatt ghal Gafa Saveways Ltd. (fol. 19 sa fol. 22). L-ahhar ittra li ntbaghtet kienet dik a fols. 23 u 24 mis-Sur Meli lil Dr. Gatt, fejn intalbet is-somma ridotta ta’ LM160.56c, ghax fil-frattemp kien sar xi hlas.

Meta rega’ xehed fl-istess udjenza, x-xhud gie mitlub jispjega kif fil-waqt li d-dokument a fol. 6 in calce kien igib id-data **“24/10/2005”,** l-ewwel pagna tal-istess dokument a fol. 5 kellha timbru fuqha li jgib id-data **“04 MAY 2005”.**Hu spjega li d-dokument huma jkunu ipprintjawh direttament minn fuq l-internet minn fuq il-website ta’ l-MFSA w jidhol fil-file. Id-data **24/10/2005** hija dik ta’ meta tkun *printed*, fuq il-*printer* taghhom. Dik tkun id-data ta’ meta l-avukat tad-Dipartuiment jidhol fuq il-website tal-MFSA u jipprintja dik u dik tkun id-data ta’ meta giet *printed* jidhirlu x-xhud. Spjega li id-data “**04 MAY 2005**” hi zball tieghu ghaliex riedet tigi 2006. Kien ghadhom izanznu t-timbru hemm hekk. Id-data tal-hrug tac-*charge* kienet 14 ta’ Novembru, 2005. Il-*printout* tohrog meta hu jkun irrifera l-kaz lill-avukat taghhom umbaghad l-avukat, la jkun harigha, jaghmel ic-*charge* . Umbaghad meta jaslu ghall-Qorti , hu jaqbad il-file u jaghmel *photocopy* ta’ kollox u jiccertifikhom. Ghalhekk id-data tat-timbru suppost giet wara u cioe’ 2006.

**L-APPELLANT** ma xehedx.

Ikkonsidrat;

Illi l-vertenza giet limitata jekk saritx il-prova li <u>fiz-zmien meta gie kommess l-allegat reat</u> l-imputat kien jirrispondi ghalih. Illi skond l-artikolu 46 tal-Att XXII ta’ l-2002 (Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta), meta reat kontra d-dispozizzjonijiet ta’ dak l-Att jew xi regolament jew xi ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjeta’, kumpanija ghaqda jew korp iehor ta’ persuni, kull persuna li **<u>fiz-zmien li jkun sar ir-reat</u>**, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta’ dik is-socjeta’, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta’ persuni **<u>jew kienet tidher li qed tagixxi f’ xi kariga tali</u> ,** titqies li tkun hatja ta’ dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha w li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.

Issa f’ dan il-kaz huwa minnu li d-dokument esebit, (Fols. 5 u 6) juri **biss li fl-24 t’ Ottubru, 2005**, u cioe’ aktar minn sitt xhur wara li gie kommess l-allegat reat, l-imputat Domenic Gafa’ kien registrat mall-Malta Financial Services bhala l-uniku *shareholder* u bhala l-uniku *legal representative* u bhala l-uniku *judicial representative*, w li konsegwentement din ma tippruvax konkluzivament li fid-data meta kien kommess l-allegat reat hu kellu effettivament dawn il-mansjonijiet fis-socjeta’ msemmija,

Pero’ mill-banda l-ohra jirrizulta bl-aktar mod car u lampanti mix-xhieda tal-impjegata Mary Grasso li kien hu personalment li kien impjegha , jhallasha, li kien taha l-*warning* ghax sab it-trab u li kien hu personalment li, ovvjament f’ isem is-socjeta’, kien qalilha li l-impieg taghha kien qed jigi terminat mill-ghada u cioe’ l-10 ta’ Marzu, 2005. Ghalhekk ma hemmx dubju li rrizulta li fiz-zmien rilevanti l-imputat Domenic Gafa’ *kien jidher li qed jagixxi f’ xi kariga ta’ ufficjal tal-istess socjeta’.*

Konsegwentement, stabilit dan, l-oneru tal-prova li r-reat sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-ghemil tar-reat kien jisposta ruhu fuqu. L-appellant pero’ ma ressaq ebda prova biex jezimi ruhu mir-responsabbilta’.

Ghalhekk bl-agir tieghu kif xehdet l-impjegata Mary Grasso l-appellant deher car li qed jagixxi bhala ufficjal tas-socjeta’ fiz-zmien tal-allegat reat, u konsegwentement irrenda ruhu responsabbli ghar-reat kommess mis-socjeta’ fiz-zmien li gie kommess u konsegwentement l-uniku aggravju tieghu rimanenti, wara li hu rtira l-aggravju dwar l-ammont dovut, qed jigi respinti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------